MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 353/2015

**Vella D'Amato Eleonor**
**(KI Nru.558078-M)**

**vs**

**Vella Renato**
**(KI Nru.492477-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti Eleonor Vella D'Amato is-somma ta' elfejn, hames mija, hamsa u tmenin ewro, hamsa u tmenin centezmu (€2,585.85c), jew somma ohra verjuri, oltre l-imghax legali, rapprezentanti sehem il-konvenut mill-ispejjez edukattivi, medici u ghall-attivitajiet extra-kurrikulari inkorsi mir-rikorrenti ghall-ulied minuri Solange u Michele ahwa

Vella D'Amato, skont il-prospett anness u mmarkat Dok.'EVD1' li jkopri l-perjodu bejn Settembru, 2013 u Marzu, 2015 u l-kopji ta' l-ircevuti ghal kull xahar (Dok.'EVD2'), u dan ai termini tal-klawsola 5(e) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 21 ta' Dicembru, 2012 in atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa (Dok.'EVD3').

Illi nonostante interpellat ihallas diversi drabi, sahansitra tramite proceduri ta' medjazzjoni, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri..

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda tal-attrici, illi kkonfermat il-kontenut tal-Avviz tat-Talba, kif ukoll l-awtenticita' tad-dokumenti li jinsabu mehmuza mal-istess Avviz, u ddikjarat illi l-ammont pretiz minnha ghadu dovut mill-konvenut, li ma hallas ebda parti mill-ammont imsemmi.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba u li gew immarkati minn Dok. 'EVD1' sa 'EVD3'.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attrici s-somma ta’ elfejn, hames mija, hamsa u tmenin ewro, hamsa u tmenin centezmu (€2,585.85c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------